**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 2 ta' Gunju, 2016**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 536/2015**

**Charmaine Camilleri**

**vs**

**Mario Grech**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tal-20 ta' April 2015 li jghid hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnejn ta' Ottubru tas-sena elf disgha mija disgha u disghin (02.10.1999), skond ma jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. CC1.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda, senjatament Martina fid-dsatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (19.08.2003) u li llum il-gurnata ghandha tnax-il sena liema dokument qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok. CC2.

3. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment u l-hajja matrimonjali ta' bejniethom saret impossibli minhabba theddid, sevizzi, eccessi, mohqrija, ingurji gravi kif ukoll vjolenza da parti tal-konvenut fil-konfront tal-esponenti.

4. Illi l-esponenti ghamlet diversi tentattivi sabiex issalva z-zwieg b'dan illi l-konvenut xorta wahda baqa' abbuziv fil-konfront taghha.

5. Illi effetivament kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn il-konvenut kien fizikament u psikologikament abbuziv fil-konfront tal-esponenti u tal-minuri.

6. Illi in oltre l-kuntratt tas-separazzjoni ppubblikat nhar it-tmienja ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax fl-atti tan-nutar Liza Schembri huwa null stante illi l-esponenti kienet

sfurzata sabiex tidher fuq dan il-kuntratt u taccetta l-kundizzjonijiet li fih minghajr oggezzjoni.

7. Illi permezz ta' dan il-kuntratt l-esponenti giet michuda nofs l-ammont tad-dar matrimonjali li tinsab gewwa 50, Sharmar, St. Paul Street, Zurrieq u li nxtrat fiz-zwieg u li ghalhekk tappartjeni lil-kontendenti f'porzjonijiet indaqs.

8. Illi abbuzivament l-esponenti ma nghatatx ghazla sabiex ssib avukat tal-fiducja taghha izda l-avukat gie mpost fuqha minghand l-intimat u fil-verita dan jahdem fl-istess ufficcju tal-avukat tal-intimat.

9. Illi l-esponenti giet michuda l-manteniment fir-rigward tal-minuri stante illi l-intimat offrilha biss tlettin elf ewro (€30,000) bhala lump sum sabiex jivversa l-manteniment ghall-istess minuri.

10. Illi malizzjozament dawn it-tlettin elf ewro (€30,000) inghataw lit-tifla bhala parti mill-istess dritt matrimonjali tal-mara mill-fond sovra indikat.

11. Illi l-esponenti qed tipprocedi sabiex jigi ddikjarat null il-kuntratt tas-separazzjoni personali tal-kontententi fuq ir-ragunijiet premessi liema dokument qieghed jigi anness u esebit bhala Dok. CC3.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. Tiddikjara u tannulla s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u imputabbli unikament u esklussivament lill-konvenut.

2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-bint minuri Martina tibqa' fdati unikament u esklussivament f'idejn l-esponenti fl-ahjar interess tal-istess minuri.

3. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment adegwat ghall-istess esponenti u ghall-minuri Martina. F'kaz illi jirrizulta li dan ma huwiex possibli ghall-konvenut, tordna illi s-sehem spettanti lilu mir-residenza matrimonjali formanti l-komunjoni tal-akwisti jigi assenjat lir-rikorrenti u bintha minuri Martina bhala hlas ta' dak li hu rapprezentanti tal-manteniment.

4. Tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 48, u 51 sa 55A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenut u favur l-esponenti.

5. Tiddikjara, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, ix-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, b'mod illi jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet skond il-ligi, filwaqt illi jigu dikjarati proprjeta unika tal-attrici dawk l-oggetti parafernali taghha.

6. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att relattiv.

7. Tordna li ssir l-annotazzjoni relattiva tas-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi minn issa qieghed ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. L-ewwel Eccezzjoni - IlIi in via preliminari, qed tigi eccepita l-inkompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) in kwantu l-ewwel talba tal-attrici titlob dikjarazzjoni ta' nullita tal-kuntratt ta' separazzjoni

Illi l-attrici qed tallega illi l-kunsens taghha ghall-kuntratt ta' separazzjoni kien vizzjat minhabba vjolenza morali ezercitata mill-intimat u permezz tal-ewwel talba, l-attrici qeghda titlob in-nullita tal-kuntratt tas-separazzjoni.

Illi kif giet kostentement stabbilit mill-Qrati taghna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell C. Franckie Refalo vs Jason Azzopardi:
"in tema legali jigi osservat li bhala regola, "il-kompetenza hija determinata fuq kollox u qabel kull kondsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha"

Illi kif gie ukoll stabbilit f'kawza b'tema identika ghall-kaz odjern fl-ismijiet John Mary Farrugia vs Joanne Farrugia (lmhallef Noel Cuschieri Cit Nru 1257/03):
"Illi fil-kaz in ezami jirrizulta car li l-meritu principali tal-kawza odjerna mhijiex il-kwistjoni tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet u l-effetti konsegwenzjali ta' din is-separazzjoni kif mifthema fil-kuntratt; izda hija l-validita o menu tal-istess kuntratt u cioe jekk gewx sodisfatti rrekwiziti stabbiliti ad validitatem mil-ligi sabiex parti legalment tkun tista' tidhol f’kuntratt, u izjed specifikatament, il-kapacita mentali o menu tal-attrici meta dina ffirmat il-kuntratt li rabat iz-zewg partijiet."

Dan johrog car mill-artikoli tal-ligi formanti l-bazi legali tal-azzjoni u li jifformaw il-kawzali tat-talbiet taghha li huma [1] dikjarazzjoni ta' lnkapacita mentali tal-attrici li tidholf’kuntratt; u [2] ir-rexissjoni tal-istess kuntratt. Il-fattur tas-separazzjoni, li huwa s-suggett tal-kuntratt, huwa incidentali ghal meritu tal-kawza.

Ghalhekk il-vertenza meritu tal-kawza odjerna ma tidholx fil-parametri tar-regolament 4[a] sa [e] tal-iskeda tal-Avviz Legali 9 tas-sena 2004 li jiddelinea l-gurisdizzjoni limitata ta' din il-Qorti; imma timpernja fuq l-artikoli 966, 967, 968 u 974 tal-Kap. 16 u ghalhekk hija ta' kompetenza tal-Prim Awla Civili fit-termini tar-regolament 6 tal-iskeda tal-Avviz Legali 9/2004.

Illi ghalhekk, il-Qorti kompetenti sabiex tiddetermina il-validita o meno tal-kuntratt ta' separazzjoni fil-kaz odjern hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili.

2. It-Tieni Eccezzjoni - IlIi strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu ghat-talbiet tnejn sa sebgha, qed tigi eccepita n-nullita tar-Rikors Guramentat stante illi ma gietx osservata l-procedura imposta mil-ligi fl-intavolar tal-kawza u/jew parti minnha

Illi l-Avviz Legali 397/2003 kif emendat b'dawk numru 9/2004, 181/2006 u 186/2006, jispecifika d-diversi kompetenzi fi hdan il-Qorti Civili. Ir-regolament 4 meta jitkellem

dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Familja jghid illi ghandhom jigi assenjati lil din il-Qorti fost affarijiet ohra kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Illi inoltre fl-iskeda tal-istess Avviz Legali Klawsoli 9(1) u 9(2) jipprovdu s-segwenti:
“9(1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti:
(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew
(b) manteniment bejn il-konjugi; jew
(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju; jew
(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali;

dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-Regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond mhemm f'dik id-diposizzjoni.

(2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4.

Illi gialadarba l-attrici qeghdha tattakka l-validita tal-kuntratt u t-talbiet taghha huma bbazati fuq kuntratt li skond hi, huwa null u ghalhekk inezistenti, l-istess attrici ma tistax tipprezenta Rikors Guramentat minnufih izda l-ewwel ghandha tistenna l-ezitu tad-decizjoni dwar in-nullita o meno tal-kuntratt u, fl-eventwalita illi l-kuntratt tas-separazzjoni jigi iddikjarat null u bla effett, l-attrici ghandha ssegwi il-procedura ta' medjazzjoni.

Illi r-regoli imposti mill-Awiz Legali huma rekwiziti ad validitatem u ghalhekk l-azzjoni kif proposta hija nulla.

3. It-Tielet Eccezzjoni - Nuqqas ta' konnessjoni professjonali bejn l-Avukata tal-attrici Dr. Travers Tauss u l-intimat Mario Grech u l-Avukat tieghu
Illi fl-ewwel lok, l-Avukat illi rrapprezentat u assistiet lill-attrici waqt il-proceduri ta' separazzjoni, u cioe Dr. Martha Travers Tauss, qatt ma kellha u ma ghandha assolutament l-ebda konnessjoni, assocjazzjoni jew involviment mal-Avukat tar-Ragel u cioe l-Avukat Katia Mercieca u wisq anqas mad-ditta ta' Avukati Fenech Farrugia Fiott Legal.

Illi jigi sollevat illi n-nuqqas ta' konnessjoni bejn Dr. Martha Travers Tauss u Dr. Katia Mercieca u/jew Fenech Farrugia Fiott Legal huwa fatt li seta’ jigi facilment ivverifikat b'mod semplici qabel ma giet istitwita l-kawza u d-dikjarazzjoni tal-attrici f'dan is-sens, mahluf bil-gurament, jikkostitwixxi reat li dwaru l-intimat u l-Avukati ikkoncernati jirrizervaw li jipprocedu ulterjorment.

Illi stante n-natura kontenzjuza tas-separazzjoni, kien ikun ksur flagranti tal-etika li kieku Avukat mill-istess ufficju legali tal-avukat tar-Ragel kien jithalla jirrapprezenta jew jofri konsulenza lill-Mara.

Illi kien biss dovut ghall-fatt illi l-attrici ma kellhiex Avukat, u stante l-fatt illi kull parti f'separazzjoni ghandha jkollha Avukat indipendenti u proprju sabiex il-Mara tkun debitament rapprezentata, illi gew biss suggeriti Avukati alternattivi lill-Mara u cioe Dr. Martha Travers Tauss u Dr. Andy Ellul u dan proprju ghaliex iz-zewg Avukati huma maghrufa ghall-integrita u d-disponibilita taghhom.

Illi naturalment, l-Avukati surriferiti ma gewx imposti fuq il-Mara, illi da parti taghha, kellha kwalsiasi opportunita u liberta tfittex u tingagga Avukat tal-fiducja taghha minghajr ebda suggerimenti li kieku hasset il-htiega jew kellha xi dubbji dwar il-professjonalita taghhom. Jigi sottolineat illi l-ismijiet gew biss suggeriti izda l-attrici Charmaine Camilleri liberalment ghazlet lil Dr. Travers Tauss u fdata liberalment bil-kaz taghha.

Illi r-rikorrenti kellha u ghad ghandha kapacitajiet mentali u intelletwali pjeni u ma saritilha l-ebda pressjoni tal-ebda tip sabiex taghzel l-Avukati suggeriti. Pjuttost kienet l-attrici illi riedet tikkonkludi s-separazzjoni kemm jista' jkun malajar sabiex tiehu somma flus f'idejha, u dan stante illi r-raguni li tat lok ghas-separazzjoni kienet l-iskoperta tal-intimat, wara erbatax-il sena, illi l-iben tal-partijiet, presumibbilment tar-Ragel, ma kienx l-iben naturali tar-Ragel izda gie ikkoncepit minn terz ftit gimghat biss wara li l-partijiet izzewgu.

Illi hekk ukoll, kif ser jigi ippruvat waqt il-kawza, l-Avukat tal-attrici Dr. Travers Tauss irrapprezzentat lill-Mara bl-iktar mod professjonali u kienet l-istess Avukata li anke waqt seduti sabiex jintlahaq ftehim, kienet spiss targumenta mal-intimat u l-Avukat tieghu u tinsisti mal-Mara sabiex tipprova takkwista iktar minn dak offrut mir-Ragel. Effettivament, Dr. Travers Tauss irnexxilha tottjeni ghall-klijenta taghha iktar mill-proposti originali maghmula mir-Ragel.

Illi hekk ukoll, ir-Ragel u Dr. Mercieca, qatt ma kien ikun prezenti waqt il-laqghat bejn l-Avukata Travers Tauss u l-attrici u jidher illi kien hemm komunikazzjoni kontinwa ghaddejja bejniethom. Dan kif indikat f'diversi emails bejn l-Avukati Travers Tauss u Mercieca li permezz taghhom kienu jigu skambjati proposti . Inoltre saru diversi emendi fil-kuntratt da parti ta' Travers Tauss tul in-negozjati u dan dejjem fl-interess tal-klijenta taghha.

Ili sussegwentement, il-partijiet ghaddew mill-procedura tal-medjazzjoni fejn l-attrici qablet mal-Kuntratt. Dan rega' gie ikkonfermat quddiem in-Nutar Dr. Liza Schembri. Fl-ebda waqt u fl-ebda mument ma qatt kienet imgeghla tiffirma l-kuntratt u l-istess kuntratt giet konkluz wara diversi negozjati u bil-kunsens pjen u liberu tal-attrici.

Illi ko-incidentalment, kien biss erbgha xhur wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt u in piu, wara li l-attrici kienet konsapevoli illi l-intimat kien talab permess jipprocedi b'kawza ta' denegata paternita, illi l-attrici irreagixxiet b'kawza ta' nullita tal-kuntratt ta' seprazzjoni u dan ghab-bazi ta' allegazzjonijiet irrizorji u xjentement foloz.

Illi tant huwa minnu illi l-istess attrici naqset milli tipproduci bhala xhieda l-persuni direttament involuti fil-kuntratt u cioe liz-zewg Avukati u lin-Nutar.

Illi jekk l-attrici verament hassitha taht pressjoni u biza, iktar u iktar kellha raguni sabiex tingagga avukat tal-fiducja taghha. Ir-realta hi illi wara li gie skopert l-ingann

inkoncepibbli taghha wara erbatax-il sena, hija xtaqet somma flus sabiex taghlaq il-kwistjoni.

Illi tant huwa minnu illi kienet l-istess attrici illi tramite l-Avukat taghha ghamlet premura u emfasi kontinwa illi hija ma kienet ser tiffirma xejn kemm-il darba ma tigix inkluza klawsola fis-sens illi l-intimat ma setax ifittixha ghall-flus kollha li huwa kien nefaq fuq Jesmar Grech tul is-snin. Din il-klawsola giet effettivament inserita bhala Klawsola 5.1 tal-Kuntratt.

Illi, ghaldaqstant qed jigi eccepit illi l-attrici kienet ghal kollox libera u konsenzjenti fl-ghazla tal-Avukat u l-azzjoni attrici hija wahda frivola u vessatorja.

4. Ir-Raba' Eccezzjoni - Il-Kunsens tal-attrici Charmaine Camilleri bl-ebda mod ma kien vizzjat

Illi t-talbiet tal-attrici huma totalment infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici stante li l-kuntratt ta' separazzjoni gie iffirmat minghajr ebda pressjoni, vjolenza morali jew fizika u/jew qerq jew b'xi zball da parte tal-attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-attrici kisbet konsulenza minghand Avukat maghzul mill-istess attrici, persuna professjonali u ta' esperjenza u li debitament qdiet id-dmirijiet taghha fil-konfront tal-klijenta, u l-attrici ghazlet liberalment u volontarjament illi tikkonkludi l-kuntratt tas-separazzjoni skond it-termini miftehma.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kuntratt jirrifletti qasma gusta u pjuttost generuza a favur l-attrici meta jigu ikkunsidrati:
i. Flejjes parafernali dovuti lir-Ragel
ii. L-applikazzjoni tal-artikolu 48(1)(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante adulterju ftit gimghat wara c-celebrazzjoni taz-zwieg
iii. Danni materjali inkluz spejjez, manteniment u trobbija ta' tifel ghal erbatax-il sena illi thallsu mill-intimat ghal tifel li l-intimata kienet taf ma kienx ta' zewgha kif ukoll danni psikologici tal-istes intimat

Illi jerga’ jigi emfasizzat ili ma kien hemm l-ebda vjolenza ezercitata mill-intimat la waqt iz-zwieg u wisq anqas waqt il-konkluzjoni tas-separazzjoni u li kieku dan kien il-kaz, certament l-attrici kienet tikseb assitenza ferm qabel is-separazzjoni minghand l-Avukat Joseph Sammut illi hija tghid xtaqet ikun l-Avukat taghha.

Illi ghalhekk, l-attrici kienet debitament infurmata dwar id-drittijiet taghha u konvenjentement ghazlet illi tikkonkludi kuntratt ta' separazzjoni skond it-termini minnha ikkunsidrati, uhud imposti u lkoll accettati u dan bil-ghan illi takkwista somma flus konsiderevoli minghajr ma jkollha thallas ghad-danni materjali u psikologici illi l-adulterju taghha, xaharejn biss wara z-zwieg, erbatax-il sena ilu, ikkawza lill-intimat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-ewwel eccezzjoni giet deciza b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-2 ta' Gunju 2015 (fol. 54 tal-process);

Rat li t-tieni eccezzjoni giet irtirata fis-6 ta' Ottubru 2015 (fol. 58 tal-process);

Rat l-atti u l-verbal tat-3 ta' Mejju 2016 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Permezz ta' din il-kawza l-attrici, legalment separata minn zewgha, il-konvenut, b'kuntratt ta' separazzjoni tat-8 ta' Jannar 2015 qed tallega li tali kuntratt hu null ghax hi giet sfurzata taccetta l-kundizzjonijet li hemm fih minghajr oggezzjoni. L-attrici ma ssemiex taht liema artikolu tal-ligi qed tinvoka tali nullita izda mill-premessi jidher li qed takkampa fuq l-allegazzjoni li zewgha kien vjolenti maghha u kien jheddiha kemm fizikament u kemm moralment tant li geghlha tersaq ghas-separazzjoni bil-kundizzjonijiet li ried hu.

Fl-affidavit taghha fil-fatt l-attrici talludi ghat-tghajjir ta' zewgha tul iz-zwieg ta' sittax-il sena u episodju ta' vjolenza fizika u agir aggressiv fil-konfront taghha. Hi izzid li fl-2014 il-konvenut sar jaf li l-ewwel wild tieghu fil-fatt ma kienx tieghu xejn izda frott ta' relazzjoni extra matrimonjali ta' martu fil-bidu taz-zwieg. Hi tallega li refa' jdejh fuqha u aktar ghajjarha u heddidha. Ziedet li meta waslu ghas-separazzjoni ma hallihiex tfittex avukat izda qalilha taghzel wiehed minn tlieta li ssuggerixxa hu. Il-kondizzjonijiet tas-separazzjoni kienu sfavorevoli ghaliha ghax kellha tirrinunzja ghal sehemha mill-komunjoni u nghatat biss somma ghal manteniment tat-tieni wild taghhom. Ziedet li sakemm isseparaw zewgha kein abbusiv verbalment u anki vjolenti mal-ewwel wild kif ukoll maghha. Esebiet certifikat mill-polyclinic datat 2 ta' Jannar 2015 li juri li kellha hmura fuq il-koxxa xellugija.

Missiehra Michael Camilleri jikkonferma li tul iz-zwieg il-konvenut kien jghajjar lil martu u rrakonta li fl-1 ta' Jannar 2015 bintu marret ghandu ghax il-konvenut kien qabadha minn ghonqha wara glieda li kellhom il-kontendenti. Izid illi l-konvenut ma kienx jistma sew lil uliedu u kien jghajjarhom.

Rosaria Camilleri wkoll tikkonferma li fiz-zwieg il-kontendenti ghamlu zmien jghixu maghhom sakemm xtraw dar, u li kienu dejjem jiggieldu. Il-konvenut kien dejjem jghajjat mal-attrici u wliedu. Rigward il-kuntratt ta' separazzjoni per se ma kienet taf xejn hlief dak li qaltilha bintha.

Hu l-attrici Noel Camilleri wkoll jirreferi ghal episodju ta' glied tal-kontendenti meta kienu jghixu fid-dar tal-genituri tieghu. Gieli mar id-dar taghhom meta l-kontendenti xtraw dar u kien konoxxenti ta' episodji ta' glied bejn il-kontendenti li sehhew quddiemu, u quddiem ulied il-kontendenti. Isemmi episodju meta l-konvenut ghamel xenata u l-attrici spiccat bi tlett punti f'rasha. Kien f'Novembru 2014 li ohtu infurmatu li kien ser jibda l-process ta' separazzjoni bejn il-kontendenti ghax il-konvenut beda jghid li l-ewwel wild ma kienx tieghu. Ohtu qaltlu li l-konvenut ma ried jaghtiha xejn mill-komunjoni u ma ridhiex tqabbad avukat ta' fiducja taghha. Qaltlu li kienet qed tibza' taghmel xi haga kontra dak li ried zewgha minhabba l-atteggjament tieghu. Zied li fl-1 ta' Dicembru 2014 il-konvenut kecca lil ewwel wild mid-dar wara li beda jghajjru. Hu irrakonta wkoll l-episodju tal-1 ta' Jannar 2015 meta ohtu cemplitlu mill-ghassa wara li marret taghmel rapport ghax zewgha aggrediha u girifha f'ghonqha.

Il-konvenut innega li qatt kien vjolenti jew abbusiv. Ammetta li kien ikollhom xi jghidu tul iz-zwieg izda qatt ma refa' jdejh. It-tensjoni kibret meta fl-2014 sar jaf li l-ewwel wild ma kienx tieghu. Hi kienet tinsultah u ghalkemm tellghetu l-Qorti ghax allegat li sawwatha kien gie liberat. Rigward is-separazzjoni hu jghid li ftehmu bejniethom dwar il-qasma u l-hlas ta' somma flus bhala manteniment ghal binthom ghax l-attrici ma riditx tidhol il-Qorti. Hu mar ghand l-avukat u talabha jekk martu tistax tuza l-istess avukat pero l-avukat irrifjutat u tatu tlett ismijiet ta' avukati ohra li tahom lil martu u hi ghazlet wiehed minnhom. Fit-trattativi martu dahlet kondizzjoni li biha hu rrinunzja ghal kull pretensjoni kontra martu mill-fatt li l-ewwel wild ma kienx tieghu. In kwantu ghal komunjoni tal-akkwisti hu sostna illi hu kellu flus parafernali li kienu konsiderevoli tenut kont ta' dak li ntefaq biex inxtrat id-dar matrimonjali u hlasijiet li saru minnu tul iz-zwieg u ghalhekk martu ma tilfet xejn meta hu zamm id-dar matrimonjali bl-ghamara bhala sehmu filwaqt li hallas somma konsiderevoli lil martu ghal manteniment ta' bintu. Fl-ahhar qal li mhux minnu li ma halliex lil martu tiehu parir fuq id-drittijiet taghha tant li hu kien jahdem kuljum u martu setghet, bla ma kien ikun jaf, tmur tiehu kull parir li riedet bla xkiel.

Xehdet in-Nutar Liza Schembri li rredigiet il-kuntratt ta' separazzjoni li qalet li l-kuntratt ta' separazzjoni mexa b'mod regolari fejn il-koppja staqsew xi domandi hi u taqra l-kuntratt u l-koppja tkellmu dwar it-tfal, cioe meta kienu ser jorqdu mieghu peress li riedet tohrog. Kienu kordjali u jidhru on very good terms.

Xehdet Dr. Martha Farrugia li rraprezentat lil attrici fit-trattativi li waslu ghal kuntratt ta' separazzjoni. Qalet illi ma kellhiex relazzjoni professjonali mad-difensur tal-konvenut fis-sens illi ma kienux jahdmu fl-istess ufficcju legali ghalkemm kellhom ufficcju fl-istess blokk ta' bini. L-attrici kienet cemplitilha biex tiffissa appuntament maghha u ltaqghu mal-konvenut u l-avukat tieghu, fejn il-konvenut kien car fuq dak li kien lest joffri bhala settlement ghal kuntratt ta' separazzjoni tenut kont ta' dak li kien skopra ftit gimghat qabel fuq l-ewwel wild tal-koppja. Wara l-laqgha tkellmet mal-attrici wahedhom u qaltilha li l-offerta ta' €30,000 bhala lump sum payment bla deduzzjoni kif isir normalment kienet offerta mhux hazina tenut kont tar-raguni ghas-separazzjoni u l-effetti fuq il-komunjoni tal-akkwist ghalkemm issuggeriet li jaraw jistghux itejbu s-sitwazzjoni. Wara li rceviet l-abbozz ta' separazzjoni baghtitu lil attrici li nformatha li ma kellhiex x'izzid izda talbitha tiggwidaha. He baghtitilha e-mail esebit fl-atti Dok. MF1 fejn urietha li nonostante r-responsabilta ghas-separazzjoni dan ma kienx ifisser it-telf totali ta' sehemha mill-komunjoni pero ovvjament irid jittiehed kont tat-tul ta' kawza u spejjez u l-possibilta ta' kawza ghad-danni kontriha. Ix-xhud ziedet li dahlet klawsola fil-kuntratt fejn il-konvenut kien qed jirrinunzja ghal kull azzjoni kontra martu, ihallas l-ispejjez notarili u nofs l-ispejjez edukattivi. In oltre ziedet li l-attrici ma kellhiex ebda responsabilta ghal xi dejn konness mal-komunjoni. L-attrici accettat il-proposta u bdew il-proceduri tal-medjazzjoni biex jersqu ghal kuntratt li damu xi ftit gimghat peress li kien vicin il-Milied. L-attrici kienet tibghatilha messaggi biex tara meta ser jigi ffirmat il-kuntratt. Il-kuntratt sar bla xkiel u wara anki cemplitilha biex tbiddel id-dokumenti rigwardanti l-kunjom.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-principji legali li jsostnu tali azzjoni gew enkapsulati fis-sentenza in Prim Istanza fl-ismijiet **Peter Cassar Torreggiani et vs Onor. Dominic Mintoff noe et** konfermata fl-appell fl-14 ta' Ottubru 2014. Jinghad hekk:

"Illi l-vjolenza bil-mezz ta' tehdid hija wahda mic-cirkostanzi maghrufa mil-ligi li taqa' fil-kategorija ta' vizzju tal-kunsens. Minn kliem il-ligi, il-vjolenza, bhalma hija t-tehdid, hija motiv ta' nullita' tal-kuntratt minhabba vizzju tal-kunsens[1]. Izda huwa maqbul li dak in-nuqqas ma jgibx nullita' assoluta tar-rabta kuntrattwali, izda annullabilita' tal-istess: jidher li huwa minhabba f'hekk li l-ligi tuza l-kelma "motiv ta' nullita'". Hija regola li l-Qrati taghna ilhom snin jimxu maghha li, fejn iqum element ta' annullabilita' ta' kuntratt, it-thassir ta' dak il-kuntratt irid isir b'azzjoni appozita u mhux permezz ta' eccezzjoni[2]. Hekk sar fil-kaz tal-lum. Minbarra dan, il-kwestjoni tal-ezistenza u tal-effikacja tal-vjolenza allegata mill-parti li trid twaqqa' l-kuntratt huwa ezercizzju mholli fl-apprezzament tal-Qorti[3];

"Illi, bil-ligi[4], l-kunsens jitqies li jkun mehud taht vjolenza jekk din tahkem fuq persuna ragonevoli b'mod li ggeghilha tibza' li hija nnifisha jew hwejjigha jistghu jitqeghdu ghal xejn b'xejn f'periklu ta' hsara kbira[5]. Vjolenza bhal din twassal biex iggib ma jiswiex kuntratt ukoll jekk id-deni mhedded ikun mahsub li jolqot il-persuna jew il-hwejjeg tal-mara jew ta' zewg il-persuna mhedda jew ta' dixxendent jew axxendent taghha[6];

"Illi biex il-vjolenza thassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawza determinanti li tkun gieghlet lill-parti li tidher ghall-kuntratt, (b) il-frott tal-hidma tal-persuna li ezercitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (c) li l-kunsens hekk mehud ikun ir-rizultat tal-vjolenza hekk ezercitata u mhux ir-rizultat accidentali ta' ghamil mahsub biex jinkiseb rizultat iehor[7]. Ghalhekk, biex il-vjolenza tkun bizzejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, ingusta b'mod li tqanqal f'persuna ragonevoli bizgha li tesponiha jew lil qarib taghha għal hsara fil-gid jew fil-persuna taghha[8]. Huwa mizmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif tehles mill-vjolenza ezercitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha[9]. Madankollu, mhux kull stat ta' ansjeta' jwassal biex kunsens moghti fuq kuntratt ikun wiehed bla siwi, jekk kemm-il darba jintwera li l-parti kontraenti kienet taf x'inhi taghmel[10];

Il-Qorti tal-Appell ziedet kif gej:

Fil-principju, kif osservat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Busuttil noe v. Zahra** deciza fil-25 ta' Marzu, 2004.

---

[1] Art. 977(1) tal-Kap. 16
[2] Ara, b'ezempju, App Civ 16.2.2004 fil-kawza fl-ismijiet **Ian Busuttil et vs Carmen Taliana** u App Inf 10/01/2007 fil-kawza fl-ismijiet **J & E Griscti Ltd vs Jesmond Sant et**
[3] PA 14/11/1935 fil-kawza fl-ismijiet **Bartolo vs Bartolo** (Kollez. Vol: XXIX.ii.749) li ggib tifsira studjata ta' x'ghamla ta' vjolenza hi mehtiega biex tikkostitwixxi vjolenza morali; ara wkoll App Ċiv 16/06/1995 fil-kawza fl-ismijiet **Aquilina vs Leone Ganado et** (Kollez. Vol: LXXIX.ii.561)
[4] Art. 978(1) tal-Kap. 16
[5] App Inf (Gh) PS 12/12/2002 fil-kawza fl-ismijiet **Saviour Calleja vs Margaret Buttigieg**
[6] Art. 979(2) tal-Kap. 16
[7] PA 29/10/1949 fil-kawza fl-ismijiet **Soler noe vs Campbell noe** (Kollez. Vol: XXXIII.ii.431)
[8] PA GV 30/06/2000 fil-kawza **Francis Scicluna vs Dominic Cutajar** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16/04/2004)
[9] PA TM 25/03/2004 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Busuttil noe vs Anthony Zahra et** (mhix appellata)
[10] App Ċiv 09/06/2003 fil-kawza fl-ismijiet **Evan T. Camilleri et vs Michelina Vella**

> "Skond il-gurisprudenza lokali, "biex il-vjolenza morali tammonta ghall-vizzju tal-kunsens hemm bzonn li tkun determinanti, ingusta u gravi u tali li taghmel impressjoni fuq persuna ragonevoli u li tiggenera l-biza' li tesponi ngustament lill-persuna taghha jew il-gid taghha ghal danni gravi. Il-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndagini li hija mhollija nterament fil-prudenza tal-Qorti" – "Aquilina vs Ganado", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Gunju, 1995. Din il-Qorti fil-kawza "Grech vs Farrugia", deciza fit-3 ta' Mejju, 1993, osservat li l-vjolenza bhala vizzju tal-kunsens irid ikun determinanti u jimmanifesta minacci veri u serji lill-persuna tal-komparenti jew tal-familja tieghu, u qatt ma giet estiza b'mod li tnehhi l-bargaining power li jista' jkollu kontraent fuq iehor."
>
> Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Camilleri v. Vella**, deciza fid-9 ta' Gunju, 2003, l-istat ta' anzjeta` u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, ghax fin-nuqqas ta' prova ta' theddida ta' vjolenza fizika impellenti, darba li jirrizulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jaghmel, il-kuntratt m'ghandux jithassar.

Maghdud ma' dawn il-principji wiehed ukoll irid iqis il-principju fondamentali tal-validita tal-kuntratti u l-prezunzjoni li l-partijiet volontarjament ftehmu fuq dak li jirrizulta mill-kuntratt. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Galea vs Zammit**, deciza fit-3 ta' Dicembru 1919, ikkwotata b'approvazzjoni fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Transcontinental Properties Limited vs European School of English Limited** fl-14 ta' Ottubru 2004:

> il mantenimento dei contratti e' di interesse generale purche' e' principio di ordine pubblico; siffatto considerazione impone che nelle cause d'impugnazione di contratti per vizio di consenso si procede con massima circospezione perche' non si abbia ad annulare un'atto che dovrebbe rimanere in vigore;

Applikati dawn il-principji ghal fatti din il-Qorti ma ssib ebda raguni jew cirkostanza li ggeghlha tahseb illi l-attrici giet imgeghla tersaq ghal kuntratt. L-attrici taghmel referenza ghal episodji ta' theddid u glied bejn il-kontendenti pero dawn l-episodji kollha jirreferu ghal perjodu taz-zwieg u mhux relatati direttament ma' dak li wassal ghal kuntratt ta' separazzjoni. L-attrici u xhieda prodotti minnha jaghtu stampa negattiva tal-konvenut bhala persuna x'aktarx dominanti u anki kattiv fl-atteggjament teighu lejn martu u wliedu. Pero tali xhieda hi michuda mill-konvenut, ma hiex korroborata b'ebda prova fattwali u cirkostanzjali li twassal lil Qorti taccetta l-allegazzjoni tal-attrici li hi kienet tibza' mill-konvenut u illi eventwalment dak li wassal ghall-arrangament bonarju ghal separazzjoni konsenswali kienet frott tal-vjolenza u theddid prattikat mill-konvenut.

L-azzjoni attrici hi koncentrata fuq il-kuntratt ta' separazzjoni ghax dan hu r-raguni li wassal ghall-oggett tat-talba cioe r-rexxisjoni tieghu. Sta ghall-attrici li tipprova li kellha biza' tali minn zewgha li accettat li tersaq ghal dan il-kuntratt bil-kondizzjonijiet kemm miftehma.

Jibda biex jinghad illi dak li din il-Qorti tqis li wassal ghal separazzjoni bejn il-kontendenti wara erbatax-il sena zwieg hu r-rivelazzjoni illi l-ewwel wild tal-kontendenti ma kienx bin il-konvenut izda frott rapport extra maritali fil-bidu nett taz-zwieg li l-istess attrici zammet mistur minn zewgha sakemm induna hu minn ezami mediku li ghamel ad insaputa tal-attrici. Zgur li cirkostanza simili kkrejat tensjoni fil-koppja li kkulminat fil-kuntratt ta' separazzjoni wara xi tlett xhur. L-attrici tressaq bhala prova tal-biza' u l-allegazzjoni li giet imgeghla tersaq ghal kuntratt bil-kondizzjonijiet li ried zewgha zewg cirkostanzi partikolari, l-ewwel li ma ridhiex tkellem avukat jekk mhux tal-ghazla tieghu u illi hi tirrinunzja ghal sehemha mill-komunjoni. Hi tinsisti li accettat ghax kellha biza' minn zewgha u dan peress li kien jheddidha bi kliem u vjolenza fizika. Fil-fatt gie esebit certifikat mediku datat 2 ta' Jannar 2015 ftit granet qabel gie ffirmat il-kuntratt fejn jirrizulta li kellha hmura fuq koxxitha. Dan jikkontradixxi x-xiehda tal-attrici u xhieda prodotta minnha li jghidu li fi glieda li kellhom il-kontendenti l-konvenut qabadha minn ghonqha u girifha. Ic-certifikat mediku ma jurix dan.

Il-Qorti tqis illi hu verosimili illi f'dan il-perjodu qabel is-separazzjoni kien hemm mumenti ta' tensjoni u anki glied bejn il-koppja pero l-attrici naqset li tipprova li hi kellha biza' tali minni zewgha li ma kellhiex il-volonta libera li tersaq ghal kuntratt ta' separazzjoni jekk mhux bil-kondizzjonijiet imposti minn zewgha.

Dan iwassal lil Qorti ghall-allegazzjoni ohra li l-ghazla tal-avukat giet imposta minn zewgha. Dak li jirrizulta mill-atti pero hu illi l-konvenut kellem avukat ta' fiducja tieghu li ssugerietlu tlett ismijiet ta' avukati li maghhom ma kellha ebda konnessjoni professjonali li martu setghet tkellem biex tipprotegi l-interessi taghha. Fil-fatt jirrizulta illi l-attrici kellmet lil Dr. Martha Farrugia bla ebda pressjoni. Il-Qorti ma taqbilx mal-attrici li ma setghetx tkellem lil min trid biex tiehu parir legali iehor

indipendenti. Ma hemmx prova li l-konvenut kien isegwiha kull fejn tmur u jekk kellha xi dubju fuq il-pariri moghtija mill-avukat li kkuntattjat hi stess kellha l-liberta li tkellem avukat iehor ghal parir iehor indipendenti. Pero anki dak li jirrizulta mix-xhieda ta’ Dr. Martha Farrugia, din il-Qorti tqis li mxiet bi professjonalita kbira mal-attrici fejn spjegatilha l-vantaggi u l-isvantaggi tal-pozizzjoni legali taghha u anki ziedu kondizzjonijiet li pprotegew aktar l-attrici. Dan kollu sar bi qbil u bil-kunsens tal-attrici li qatt ma qalet lil avukat taghha li kienet qed tibza’ jew qed tigi mheddha. Anzi jidher mix-xiehda tal-avukat tal-attrici illi l-istess attrici kienet qed tinsisti li taghlaq il-kwistjoni. Fil-fatt mill-kontroezami tal-istess attrici hi stess tammetti fuq domandi tal-Qorti illi kienet lesta taccetta l-kondizzjonijiet tal-kuntratt basta tehles minn zewgha u mit-tghajjir u kollox u dan mill-ewwel wara li zewgha skopra l-infedelta ta’ martu fil-bidu taz-zwieg u t-twelied tal-ewwel wild minn relazzjoni extra konjugali. Il-Qorti tifhem illi l-pozizzjoni tal-attrici fid-dar matrimonjali ma kinitx felici pero hi riedet tersaq ghal kuntratt ta’ separazzjoni biex tehles mill-problema li fl-ahhar mill-ahhar dahlet fiha hi u din ir-raguni ma tistax tintuza bhala bazi ghar-rexxisjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni.

Il-Qorti ma tqis li saret il-prova necessarja mill-attrici biex teghleb il-prezunzjoni tal-validita tar-rapport kontrattwali u ghalhekk it-talbiet taghha ma ghandhomx jigu milqugha ghax illum kellha ripensament.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa’ l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut, u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur